MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tal-5 ta' April, 2006

Citazzjoni Numru. 1431/2001/1

**Michelle Shires u Tristam Shires kif ukoll Maria Concetta sive Mari Shires.**

**-vs-**

**Giovanna Bonello, Vincent u Antoinette konjugi Bonello u Joseph Bonello u b'digriet tat-13 t'Awwissu, 2002, stante l-mewt tal-konvenuta Giovanna Bonello, l-atti gew trasfuzi f'isem iz-zewg werrieta Joseph Bonello u Vincent Bonello, u b'digriet tat-18 ta' Dicembru, 2002 l-Avukat Dr. Anthony Cutajar u l-P.L. Hilda Ellul Mercer gew nominati kuraturi deputati ghal Maria Concetta sive Mari Shires bhala eredi ukoll ta' l-istess Giovanna Bonello.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fid-9 ta’ Awwissu, 2001 li permezz taghha l-atturi ppremettew:

Illi l-konvenuta Giovanna Bonello hija omm il-konvenuti Vincent u Joseph Bonello u omm l-attrici Maria Concetta sive Mari Shires filwaqt illi l-atturi Michelle u Tristam Shires huma wlied l-attrici Maria Concetta Shires.

Illi fil-15 ta’ Lulju 1984 miet Edgar Bonello, ir-ragel ta’ Giovanna Bonello, u permezz ta’ testment tas-6 ta’ Mejju 1983 fl-atti tan-Nutar Dr. Angelo Vella, filwaqt li nnomina bhala eredi tieghu lill-konvenuti Joseph u Vincent Bonello u halla legat favur il-konvenuta martu ta’ l-uzufrutt ta’ l-assi ereditarji, huwa ddizeredita lill-bintu l-attrici Maria Concetta Shires ghal ragunijiet indikati fl-istess testment.

Illi b’citazzjoni fl-ismijiet Maria Concetta Shires proprio et nomine vs Vincent Bonello et citazz 771/96 ipprezentata quddiem il-Prim’Awla tal-Qorti Civili, l-atturi talbu li r-ragunijiet migjuba mit-testatur Edgar Bonello ghad-dizereditazzjoni taghha hija nulla u bla effett u li konsegwentement ghandha dritt ghall-legittima skond il-ligi u suborditatament tiddikjara li l-istess legittima kemm-il darba m’ghandhiex dritt ghaliha Maria Concetta Shires ghandhom dritt ghaliha l-atturi Michelle u Tristam Shires u dan skond kif hemm dispost fl-Art 626 tal-Kodici Civili.

Illi permezz ta’ digriet tal-15 ta’ Dicembru 1986 il-Prim’Awla tal-Qorti Civili inibiet lill-konvenuti milli b’xi mod jiddisponu jew jaljenaw mill-assi ereditarji ta’ Edgar Bonello.

Illi l-komunjoni ta’ l-akkwisti bejn Giovanna Bonello u zewgha Edgar kif ukoll l-eredita ta’ l-istess Edgar Bonello ma gewx likwidati u lanqas ma saret divizjoni ta’ l-istess.

Illi l-atturi jew min minnhom, skond kif fuq premess fil-vesti taghhom ta' legittimatarji ghandhom dritt skond il-ligi li jippercepixxu mill-istess assi ereditarji (in kind).

Illi permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Joseph Brincat tat-8 ta' Lulju 1999 Giovanna Bonello u Joseph Bonello bieghu lill-konvenuti Vincent Bonello u martu Antoinette, kwantu ghal "Giovanna Bonello ghan-nofs indiviz u l-uzufrutt tan-nofs indiviz l-iehor u Joseph Bonello ghal kwart indiviz in nuda proprjeta' tal-garage jismu Lourdes, bla numru f'Carmel Street, B'Kara soggett ghac-cens annwu u perpetwu ta' Lm3 versu l-prezz ta' Lm2000 favur Giovanna Bonello u Lm1000 favur Joseph Bonello.

Illi permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Joseph Brincat tat-22 ta' Frar 2001 Giovanna Bonello ddonat lill-konvenut Joseph Bonello n-nofs indiviz in piena proprjeta' bl-uzufrutt tan-nofs l-iehor ta' Flat 2, 23 Abate Rigord Street, Msida, lil Vincent Bonello n-nofs indiviz in piena proprjeta' u l-uzufrutt tan-nofs l-indiviz l-iehor tad-dar 61 jisimha Mari, Islets Promenade, Bugibba San Pawl il-Bahar u lil Joseph Bonello u Vincent Bonello flimkien in-nofs indiviz in piena proprjeta' u l-uzufrutt tan-nofs indiviz l-iehor tal-hanut 36 Naxxar Road, B'Kara. Id-donanti wkoll ezonerat lill-ulieda Joseph u Vincent Bonello mill-obbligu tal-kollazzjoni ta' dawn l-immobbli moghtija lilhom fl-imsemmi kuntratt.

Illi ghalhekk l-fuq imsemmija zew g atti notarili huma nulli.

Ghalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex;

1. tiddeciedi u tiddikjara li l-kuntratti fuq imsemmija fl-atti tan-Nutar Dr Joseph Brincat tat-8 ta' Lulju 1999 u tat-22 ta' Frar 2001 huma nulli u bla effett ghar-ragunijiet premessi.

2. tordna li l-imsemmija kuntratti jigu mhassra u rexissi.

3. tahtar nutar sabiex jippubblika l-att opportun, tinnomina kuraturi sabiex jirrapprezentaw l-eventwali kontumaci u tiffissa l-gurnata, l-hin u lok ghal pubblikazzjoni ta’ l-istess.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti komprizi dawk ta’ mandat ta’ inibizzjoni li qed jigi prezentat kontestwalment u b’rizerva ghal kull azzjoni ulterjuri spettanti lill-atturi, liema konvenuti huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-atturi mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Vincent u Antoinette konjugi Bonello ipprezentata fl-1 ta’ Novembru, 2001 li permezz taghha eccepew;

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan peress li mhux minnu li l-kuntratti n kwistjoni huma, in toto jew in parte, nulli;

2. Illi f’kull kaz, u minghajr pregudizzju ghall-premess, il-kuntratti in kwistjoni ma jistghu jkunu qatt nulli fl-intier taghhom, izda, se mai, limitatament ghall-dak is-sehem li jista jispetta lill-atturi; kwindi, it-talba kif proposta, ma tistax tigi milqugha;

3. Illi, inoltre, il-ksur tal-Mandat ta’ Dicembru, 1986, jekk jirrizulta, ma jwassalx ghan-nullita’ tal-kuntratti n kwistjoni.

Salv, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph Bonello ipprezentata fil-21 ta' Dicembru, 2001 li permezz taghha eccepew;

4. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan peress li mhux minnu li l-kuntratti n kwistjoni huma, in toto jew in parte, nulli;

5. Illi f'kull kaz, u minghajr pregudizzju ghall-premess, il-kuntratti in kwistjoni ma jistghu jkunu qatt nulli fl-intier taghhom, izda, se mai, limitatament ghall-dak is-sehem li jista jispetta lill-atturi; kwindi, it-talba kif proposta, ma tistax tigi milqugha;

6. Illi, inoltre, il-ksur tal-Mandat ta' Dicembru, 1986, jekk jirrizulta, ma jwassalx ghan-nullita' tal-kuntratti n kwistjoni.

Salv, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti processwali nkluz in-noti ta' sottomissjonijiet u l-verbal tas-seduta tat-23 ta' Novembru, 2005 u tal-15 ta' Frar, 2005 li permezz taghha l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat.

Illi kif jidher car mic-citazzjoni din hija kawza fejn l-atturi qed jitlobu d-dikjarazzjoni ta' nullita' tal-kuntratti rispettivament ta' bejgh u donazzjoni li kienu saru a favur tal-konvenuti ahwa Bonello minn ommhom li mietet fil-mori tal-kawza.

Il-fatti li wasslu ghall-kawza kienu dawn. Missier l-ahwa Bonello miet fl-1984 u fit-testment li kien ghamel ma' martu l-konvenuta Giovanna Bonello halla lil uliedu s-subien u cioe' il-

konvenuti Vincent u Joseph Bonello bhala l-werrieta tieghu u iddesereda lill-attrici Maria Concetta Shires. Din flimkien ma' uliedha, fl-1986 ottjeniet il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-konvenuti biex ma jaljenaw xejn mill-wirt u giet istitwita kawza fejn intalbet l-assenjazzjoni tal-legittima. *Nonostante* dan il-mandat fl-2001 saru t-trasferamenti ndikati fic-citazzjoni u li qed jigu attakkati b'din ic-citazzjoni.

Il-kawzali huma tlieta u cioe' illi l-konvenuti kien marbutin bl-ordni tal-Qorti illi ma jbieghux jew jittrasferixxu l-proprjeta' in kwistjoni, li l-wirt kien ghadu ma nqasamx u ghalhekk ma setax isir trasferiment u t-tielet li l-attrici jew uliedha ghandhom dritt ta' legittima li ma jistax jigi pregudikat bit-trasferiment minhabba li din trid tithallas *in natura.* Il-Qorti thoss li l-kwistjoni hija wahda prettament legali u ftit kienu l-provi l-ohra (cioe' dawk mhux dokumentarji) li kienu ta' rilevanza fil-kawza.

Fir-rigward ta' l-ewwel kawzali huwa minnu li l-konvenuti kienu jafu li kienu inibiti milli jittrasferixxu l-proprjeta'. Dan allura jitfa' hafna dell fuq l-attegjament tal-konvenuti meta saru dawn il-kuntratti, liema dell iktar jikber meta wiehed jiftakar li ommhom f'dak l-istadju kienet mara anzjana hafna u li allura kienet suxxettibli ghal kull tip ta' suggerimenti minn uliedha. Infatti ftit wara Giovanna Bonello anke ghamlet testment sigriet fejn regghet dahhlet lill-attrici bhala werrieta taghha (fi kwota ikbar minn tal-konvenuti, presumibilment biex *tpatti* ghall isvantagg li kellha fil-wirt ta' missierha). Dan jindika bl-iktar mod car illi kif sfortunatament jigri meta si tratta ta' persuna anzjana, l-ulied jew il-presunti werrieta jibdew iduru maghha biex jipperswaduha tiddisponi minn gidha kif jaqbel lilhom u ma hemmx l-icken dubbju li dan gara fil-kaz odjern mill-ahwa Bonello kollha kompriz l-attrici.

Madankollu kif sewwa eccepew il-konvenuti, il-ksur tal-ordni tal-Qorti *per se* ma jwassalx ghan-nullita' tal-kuntratt

ghalkemm certament jindika element ta' *bad faith*. L-atturi ghandhom ragun meta jindikaw l-Artikolu 873 (10) illi jghid li meta ssir registrazzjoni ta' mandat ta' inibizzjoni, kull trasferiment ikun null izda l-istess atturi ma ressqu ebda prova ta' din ir-registrazzjoni u strahu biss fuq il-prova li hareg il-mandat. Kif gia' inghad dan ma hux bizzejjed u l-Qorti ma tistax tippresumi illi din ir-registrazzjoni saret. Ghalhekk il-Qorti ma tistax taccetta din il-kawzali bhala sufficjentement provata biex twassal ghan-nullita.

Fir-rigward tal-qsim tal-wirt pero' din il-Qorti kif preseduta gia' irrimarkat fil-kawza fl-ismijiet Maria Assunta Casha vs Joseph Mary Cutajar (deciza parzjalment fit-18 ta' Gunju, 2004) illi l-werrieta ma jistghux jittrasferixxu parti mill-wirt u cioe ibieghu sehmhom minn xi proprjeta' wahda mill-wirt qabel ma ssir il-likwidazzjoni jew qsim tal-wirt. Dan ghaliex kif spjegat dik is-sentenza l-werrieta ma jistghux minn qabel issir il-qasma jkunu jafu liema parti mill-wirt se tmiss lilhom. F'din is-sentenza l-Qorti ibbazat ir-ragunament taghha a bazi tal-Artikolu 946 tal-Kapitolu 16 illi jghid illi; "*kull wiehed mill-werrieta hu maghdud successur wahdu u dirett fil-beni kollha li jaghmlu s-sehem tieghu, jew li mess lilu b'licitazzjoni u jitqies li qatt ma kellu l-proprjeta' tal-beni tal-wirt.* (ara ukoll is-sentenza tal-20 ta' Marzu, 2003 fl-ismijiet Ellul vs Cassar fejn il-Qorti spjegat li divisjoni parzjali ma tistax issir jekk mhux bi qbil bejn il-kondividenti kollha). Allura tali trasferiment ma jistax jippregudika lill-werrieta l-ohra jew lill-benficcjarji l-ohra tal-wirt sija dawk li jkunu bbenefikaw mit-testment jew mil-ligi stess skond il-kaz. F'dan il-kaz l-atturi qeghdin jitolbu l-legittima f'kawza separata li bdiet fl-1986 u ghalhekk certament sakemm il-Qorti ma tiddecidix li tali legittima ma tesistix it-trasferimenti in kwistjoni zgur ma jistghux jippregudikawlhom dan id-dritt kif certament isir jekk jibqghu *in vigore*. Ghandu jinghad, kif se jigi spjegat iktar 'il quddiem li l-legittimarju ghandu dritt li jithallas *in natura* u allura jekk issir divisjoni parzjali ukoll ghandu dritt ikun parti minnha.

Fir-rigward imbaghad ta’ l-ahhar kawzali l-Qorti ukoll taghti ragun lill-atturi. Il-ligi taqsam il-gid tad-disponenti f’zewg partijiet, wahda disponibbli u l-ohra le. Il-parti mhux disponibbli tigi matematikament kalkolata a bazi tal-Artikolu 616 u dawk li jsegwu. (Cutajar vs Cutajar – Prim’Awla - 3 ta’ Ottubru, 2003). In vista ta’ dan *l-ewwel haga li ghandha ssir hija l-likwidazzjoni saiex ikunu jista’ jigi accertat jekk id-decujus bid-disposizzjoni ta’ xi legat eccedix il-parti disponibbli tal-patrimonju.* (Maria Wismayer vs Ruggero Wismayer - Prim’Awla - 22 ta’ Mejju, 1950). Ghandu jinghad li l-legittima hija dovuta *in natura, in piena propieta senza alcun peso od altra condizione.* (Vol. XXXVIII – P II p 116). Din tohloq problema f’hafna kazi ghaliex tikkontrasta mad-dritt tat-testatur li jhalli l-legati lil min jixtieq ghaliex fil-waqt li l-legittimarju ma jistax jippretendi per esempju li jinjora l-legati, u dawn ghandhom jittiehdu biss in konsiderazzjoni biex tigi kalkolata l-legittima (Ara Vella vs Bezzina et – Appell 20 ta’ Novembru, 1998), *is-suggeriment li l-legittima tigi sodisfatta b’ammont likwidu flok in-natura huwa kontra l-ligi, molto piu’ meta ma jirrizultax il-kunsens tal-interessati kollha* (Sammut vs Refalo – Prim’Awla - 30 ta’ Gunju, 1954). Billi ghalhekk f’dan il-kaz it-trasferiment tal-immobbli formanti parti mill-wirt jista’ jippregudika dan il-principju ghandu jigi dikjarat null. Naturalment dan bl-ebda mod ma jfisser d-dritt tal-atturi ghal-legittima fuq l-assi tal-wirt ta’ Edwin Bonello qed jigi accettat minn din il-Qorti u dan jispetta ghall-Qorti li qed tiddeciedi l-kawza in kwistjoni – izda fil-mument dan id-dritt huwa mpregudikat u l-Qorti ma tistax tabdika mir-responsabilita’ li tiddeciedi fuq it-talba attrici. Il-Qorti pero’ thoss li hu car li l-attegjament tal-konvenuti kien intiz biex jagixxu qabel tiddeciedi l-Qorti (bl-Ingliz *to pre- empt)* u ma tistax f’dawn ic-cirkostanzi thalli lill-konvenuti jaghmlu dan.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa’ t-tielet eccezzjoni tal-konvenuti izda tichad l-ohrajn u tilqa’ t-talbiet attrici u ghar-rigward tat-tielet talba tinnomina lin-Nutar Dottor**

**Jeanette Laferla Saliba biex tippublika l-att relattiv u lill-Avukat Dottor Phylis Farrugia bhala kuratrici tal-kontumacji u tordna li l-kuntratt jigi pubblikat fil-15 ta' Mejju, 2006 fl-edificcju tal-Qorti.**

**L-ispejjes jithallsu kwantu ghal terz mill-atturi u zewg terzi mill-konvenuti.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------